# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203, 21241281  Fax: 21242971  Email: info@maltadiocese.org

08 ta' Jannar 2009

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 03/2009

## STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI TEOLOĠIKA TAL-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

### Il-bijoteknoloġija u l-bijoetika f'Malta

L-għan ewlieni tal-mediċina u l-bijoteknoloġija għandu jkun li jibni u jsaħħaħ il-kultura favur il-ħajja. Hekk kien sostna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1995 fl-Enċiklika tiegħu *Evangelium vitae* (*L-Evanġelju tal-Ħajja*). Il-progress fil-bijoteknoloġija ta' llum ġab miegħu tamiet kbar, iżda ħoloq ukoll theddidiet u riskji ġodda għall-ħajja umana, b'mod partikolari fil-bidu tagħha, meta l-ħajja umana hija dgħajfa u bla difiża.

Id-dokument *Id-Dinjita tal-Persuna Umana* (*Dignitas Personae*), maħruġ mill-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi fit-12 ta' Diċembru 2008, għandu l-għan, mhux li jfixkel il-progress xjentifiku u teknoloġiku, iżda li jiddefendi l-ħajja umana li tinsab mhedda mill-użu irresponsabbli ta' xi wħud mill-mezzi ta' prokrejazzjoni assistita, mid-djanjożi fuq l-embrijuni ffertilizzati fil-laboratorju fil-proċess tal-IVF, u mir-riċerka fuq ċelloli staminali. Minn għoxrin sena 'l hawn, minn meta l-Kongregazzjoni ħarġet id-dokument *Donum vitae* (*Ir-Rigal tal-Ħajja*, 1987), tfaċċaw suriet ġodda ta' theddid għad-dinijita tal-bniedem.

Quddiem dawn il-modi ġodda ta' manipulazzjoni fuq il-ħajja umana, *Dignitas Personae* issostni li l-embrijun uman, fl-ebda stadju tal-iżvilupp tiegħu, m'għandu jitqies bħala biċċa materjal bijoloġiku. L-isperimentazzjoni fuq l-embrijuni għall-iskop ta' riċerka xjentifika, il-qerda tagħhom bl-iskuża li huma żejda jew li ma jistgħux jiżviluppaw b'mod normali, kif ukoll l-iffriżar tagħhom, anke meta dan isir bl-intenzjoni li jiġu pjantati fi żmien qasir, imorru kontra d-dinjità u l-integrità tal-ħajja umana.

Huwa fl-interess tas-soċjetà li l-liġi ċivili tiżgura li l-metodi ġodda tat-tnissil tal-ħajja umana li jiġu applikati jkunu dawk li jħarsu d-dinjità u l-jeddijiet tal-persuna umana.

Fost il-jeddijiet fundamentali li l-liġi ċivili għandha tipproteġi wieħed għandu jsemmi l-jedd li kull bniedem għandu għall-ħajja u għall-integrità tiegħu, mill-mument tat-tnissil sal-mewt. Għalhekk il-liġi m'għandhiex tittollera li l-bniedem, ukoll meta għadu fl-istat embrjoloġiku, jiġi ttrattat bħala oġġett għall-isperimentazzjoni, jiġi midrub, jew meqrud bl-iskuża li huwa żejjed jew ma jistax jiżviluppa b'mod normali.

L-Istat għandu wkoll l-obbligu li jħares l-istituzzjoni tal-familja li fuqha hi mibnija s-soċjetà, kif ukoll il-jedd tat-tarbija li tiġi mnissla, imwielda u mrobbija mill-ġenituri tagħha fl-ambjent naturali tagħha li hu l-familja. Il-liġi ċivili ma tistax tagħti l-approvazzjoni tagħha għal tekniki ta' tnissil li jinvolvu l-għotja ta' gameti bejn persuni li mhumiex leġittimament marbuta bi żwieġ.

Huwa fatt li l-iżvilupp li qed isir fil-kamp tar-riproduzzjoni artifiċjali mhuwiex etikament newtrali. Hemm wisq riskji kbar marbuta mal-użu ta' dawn il-mezzi mingħajr kuxjenza etika! Il-mistoqsijiet etiċi li hemm marbuta mal-użu ta' dawn il-mezzi mhumiex kwistjonijiet privati li jikkonċernaw biss lill-koppja infertili. Il-valuri morali dwar id-dinjità tal-ħajja umana u l-integrità tal-familja li hemm involuti f'dawn il-mezzi ta' riproduzzjoni artifiċjali jolqtu lis-soċjetà kollha. Għalhekk hemm bżonn ta' iżjed informazzjoni u edukazzjoni etika u morali dwar il-mezzi tat-tnissil artifiċjali, kemm fost il-professjoni medika, kif ukoll fost il-pubbliku in ġenerali.

F'pajjiżna hemm bżonn li jitfasslu liġijiet ispirati minn valuri etiċi fundamentali bil-għan li jirregolaw l-użu tal-bijoteknoloġija. Fost dawn il-valuri, wieħed għandu jsemmi: id-dritt tal-koppja għall-parteċipazzjoni diretta u attiva fit-tnissil tal-ulied; ir-rispett lejn id-dinjità u l-integrità tal-ħajja umana sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha; il-ħarsien tal-familja u ż-żwieġ; u l-ħarsien tad-drittijiet u l-interessi tat-tarbija li se titwieled.

= TMIEM =